MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 627/2012

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu wara li ppremetta :

1. Illi l-esponent izzewweg lill-intimata fis-17 ta’ Jannar 1982, Dok. A huwa ic-certifikat taz-zwieg;

2. Illi z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment tant li l-partijiet ilhom li ssepparaw u dan permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa datat 13 ta’ Marzu 2006 – Dok. B.

3. Illi ghalhekk il-partijiet ilhom separati ghal aktar minn hames snin;

4. Illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

5. Illi l- manteniment dovut skont il-kuntratt citat hawn fuq dejjem thallas u ghalhekk ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

6. Illi l-attur jixtieq jipprevalixxxi ruhu mid-dritt li jitlob u jottjeni id-divorzju u dan ai termini tal-Art 66A u Artikoli sussegwenti tal-Kodici Civili; qed jigi anness affidavit li qed jigi markat bhala Dok. C.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) Previa kull dikjarazzjoni li tkun necessarja u tiddikjara u tordna li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-17 ta' Jannar 1982 jigi dikjarat xolt ai termini tal-Artiklu 66A u Artikoli sussegwenti tal-Kodici Civili.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Jannar, 2013;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partiijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Marzu 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi il-manteniment dovut skond il-kuntratt ta’ separazzjoni dejjem thallas u ghalhekk ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talba, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------